MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 19/2010/2

**Angela Conti**

**v.**

**Lawrence Bonnici**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tat-18 ta’ Jannar 2010 li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet is-segwenti:

“1. Illi l-kontendenti, illi ma humiex mizzewgin, kienu f'relazzjoni li damet madwar seba' snin f'liema zmien l-partijiet kienu ghamlu zmien jikkoabitaw flimkien.

“2. Illi minn dina r-relazzjoni twieldet Jazmin Bonnici fit-2 ta' Gunju 1999.

“3. Illi f' Gunju tas-sena 2000, u cjoe' meta t-tifla minuri kien ghad kellha biss sena, l-attrici hassret dina r-relazzjoni principalment minhabba l-fatt illi l-konvenut ma kienx qieghed jerfa' r- responsibiltajiet mistennija minn missier;

“4. Illi jinghad illi wara li twieldet it-tarbija u fiz-zmien illi l-partijiet kienu ghadhom jikkoabitaw flimkien il-konvenut qatt ma' mantna lit-tifla minuri u kienet l-esponenti illi kienet tipprovdi ghall-bzonnijiet tat-tifla minuri li kienet baqghet tahdem u kienet tiehu lit-tifla maghha fuq il-post tax-xoghol peress illi l-esponenti kienet tahdem f'kumpanija immexxija mill-familja taghha;

“5. Illi wara li l-attrici hassret ir-relazzjoni taghhom l-partijiet ftehmu illi l-konvenut jhallas ghall-bzonnijiet tat-tifla minuri is-somma mensili ta' €140 mill-liema somma hemm kompriz ukoll sehem il-konvenut mill-premiums imhallsa fuq il-polza ta' assikurazzjoni illi l-kontendenti kienu ftehmu illi johorgu ghall-beneficcju ta' binthom minuri;

“6. Illi l-esponenti ghandha l-kura u kustodja effettiva tat-tifla minuri filwaqt illi l-konvenut jezercita d-dritt ta' access tieghu ghat-tifla minuri fi granet u hinijiet miftehma bejn il-partijiet;

“7. Illi illum it-tifla minuri ghandha ghaxar snin u ghalhekk il-bzonnijiet taghha zdiedu konsiderevolment;

“8. Illi t-tifla minuri tattendi skola tal-Knisja u ghalhekk l-esponenti thallas l-ispejjez edukattivi, inkluz mizati tal-iskola oltre l-ispejjez tas-sahha tat-tifla minuri. Illi l-konvenut qatt ma' ikkontribwixxi ghall-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tat-tifla minuri u lanqas ghall-ispejjez tal-attivitajiet extra kurrikulari tat-tifla minuri;

“9. Illi l-esponenti tahdem bhala assistant director of studies f'IELS ossija skola tat-taghlim tal-Ingliz filwaqt illi l-konvenut jahdem self-employed bhala horse trainer u l-esponenti ma' tafx x'inhu l-introjtu tal-konvenut;

“10 Illi l-esponenti kienet talbet lill-konvenut sabiex jzied l-ammont ta' manteniment pagabbli ghall-bzonnijiet tat-tifla minuri pero' huwa dejjem irrifjuta illi jaghmel dan.

“11. Illi l-esponenti kellha ghalhekk tipprocedi bil-kawza odjerna wara li l-proceduri ta' medjazzjoni istitwiti minnha fallew minhabba li l-konvenut ma' ikkoperax waqt dawn il-proceduri.

“Ghaldaqstant, l-attrici titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

“1. Tillikwida l-manteniment pagabbli mill-konvenut ghat-tifla minuri u tordna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata ghall-htigjijiet tal- imsemmija tifla minuri, illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-istess minuri, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l-Qorti,

“Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

> "1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti qieghed imantni lill-minuri Jazmin Bonnici skont l-introjtu tieghu kif ukoll jghaddi hafna hin maghha jigifieri kuljum u b'hekk qieghed ukoll imantniha ghall-bzonnijiet taghhom kuljum;
>
> "2. Illi fit-tieni lok l-esponenti ihallas sehmu mill-ispejjez edukattivi u r-rikorrenti tahdem full time u taqla' paga ferm aktar mill-introjtu tal-esponenti."

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fis-27 ta' Gunju 2013 li permezz taghha il-Qorti iddecidiet illi:

> "1. Tillikwida l-manteniment pagabbli mill-konvenut ghat-tifla minuri Jazmin Bonnici fis-somma ta' tlett mitt ewro (€300) fix-xahar pagabbli b'effett mit-18 ta' Jannar 2010, nieqes il-pagamenti effettwati mill-konvenut lill-attrici, liema manteniment jizdied kull sena b'effett mill-ewwel ta' Lulju ta' kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.
>
> "2. Tordna lill-attrici li tottjeni polza ta' assikurazzjoni ghas-sahha tal-minuri.
>
> "3. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici nofs il-premia annwali tal-assikurazzjoni tal-minuri fi zmien gimgha mill-jum li l-attrici tghaddilu kopja tal-ircevuta.
>
> "Bl-ispejjez kontra l-konvenut."

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-partijiet ma humiex mizzewga, li ghamlu circa seba' snin jikkoabitaw flimkien, u li b'rizultat ta' dik ir-relazzjoni twieldet fit-2 ta' Gunju 1999 il-minuri Jazmin Bonnici.  Ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet giet fi tmiemha meta l-minuri kien ghad ghandha tlettax-il xahar.

"Dak iz-zmien il-partijiet kienu ftehmu verbalment li l-konvenut jivversa lill-attrici is-somma ta' sittin lira Maltin (Lm60) fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri.

"Fl-affidavit taghha[1] l-attrici tispjega illi meta t-tarbija kellha biss sitt gimghat hija kellha tirritorna fuq il-post tax-xoghol ghaliex meta kienu ghadhom flimkien il-konvenut ma kienx jaghtiha l-appogg finanzjarju li kellha bzonn.

"**Spejjez relatati mat-trobbija tal-minuri**.

"L-attrici spjegat illi filwaqt li meta l-minuri kien ghad ghandha tlettax-il xahar is-somma ta' sittin lira Maltin ekwivalenti ghal mija u erbghin ewro (€140) fix-xahar minghand il-konvenut kienu sufficjenti bhala l-kontribuzzjoni tieghu ghat-trobbija tal-minuri, illum li t-tifla ghandha erbatax-il sena, €140 fix-xahar m'humiex bizzejjed.

"Tul il-kompilazzjoni tal-provi, l-attrici resqet diversi dokumenti u xhieda rigwardanti spejjez relatati direttament jew indirettament mat-trobbija tal-minuri fosthom spejjez relatati ma' ikel, xorb, hwejjeg, ilma, dawl, hlasijiet lill-iskola fejn tattendi l-minuri, mizati tal-iskola tad-drama, mizati tal-ezamijiet tad-drama, stationery, uniformijiet tal-iskola, kostumi tad-drama, hlas annwali ghal drama camp.[2]

"Meta l-partijiet kienu ghadhom flimkien kienu ftehmu illi tinhareg polza ta' assikurazzjoni a favur il-minuri. Il-premium annwali taghha huwa ta' €349.11.

---

[1] Fol. 19
[2] Prospett ezebit a fol.32 tal-process; ara wkoll ricevuti ezebiti a fol. 22 et.seq u a fol.177 et.seq.

“**Dhul rispettiv tal-partijiet**.

“L-okkupazzjoni lavorativa tal-konvenut hi ta’ ‘horse trainer’ filwaqt li dik tal-attrici hi ta’ *assitant director of studies* ma’ skola privata li tghallem il-lingwa Ingliza lil studenti barranin.

“Mid-dokumenti ezebiti jirrizulta li d-dhul net mensili tal-attrici huwa ta’ cirka elf u mitejn ewro (€1,200).

“Il-konvenut xhed[3] illi huwa *self-employed* u xoghlu huwa li jiehu hsieb iz-zwiemel u jitrenjhom. Huwa spjega illi jitrenja liz-zwiemel fuq *obedience*. Fis-sena 2010 huwa kellu erba’ zwiemel tieghu u hames zwiemel tal-klijenti. Il-klijenti jhallsu circa tlett mija u ghoxrin ewro (€320) fix-xahar talli l-konvenut johdilhom hsieb iz-ziemel rispettiv taghhom. Il-konvenut emfasizza[4] illi il-hay u l-gwiez ghal kull ziemel jiswa’ circa bejn mija u hamsin ewro u mitejn ewro (€150 – €200) fix-xahar. Fil-kaz li jinqalghu aktar spejjez dawn jithallsu minn sid iz-ziemel.

Bl-ammont ta’ zwiemel li kellu fis-sena 2010 il-konvenut qal li kellu qliegh globali net ta’ seba’ mitt ewro (€700) fix-xahar. Huwa ezebixxa numru ta’ ricevuti rilaxxjati fis-sena 2010 rigwardanti (1) hlasijiet li huwa ghamel in konnessjoni mat-trobbija taz-zwiemel (2) dikjarazzjonijiet tad-dhul tieghu mad-Dipartiment tal-VAT; u (3) certifikati in konnessjoni mal-kondizzjoni medika tieghu li kienet tehtieg intervent kirurgiku u waqfien temporanju mix-xoghol.[5]

“**Konsiderazzjonijiet ta’ Dritt**.

“Il-provvedimenti legali fil-Kodici Civili referibbli ghad-dover tal-genituri li jipprovdu manteniment lill-uliedhom huma s-segwenti:-

“**Artikolu 7.**

[3] Seduta quddiem l-Assistenta Gudizzjarja tal-4 ta’ Novembru 2010 – fol.148
[4] Seduta quddiem l-Assistenta Gudizzjarja tas-16 ta’ Frar 2011 - fol. 159
[5] Fol. 163 - 176

“(1) Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B.

“**Artikolu 19.**

“*(1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni.*

“*(2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjez meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom.*

“**Artikolu 20.**

“*(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

“*(2) Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-ezercizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

“*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

“*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi bizzejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

“*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust.*

"Il-partijiet, genituri tal-minuri, m'humiex mizzewgin lil xulxin. Dwar l-obbligu tal-genituri li jmantnu lill-uliedhom japplikaw l-istess regoli, sew jekk il-genturi huma mizzewga lil xulxin, sew jekk le. Issir ghalhekk referenza ghall-provvedimenti legali fil-Kodici Civili li jipprovdu dwar il-manteniment tal-ulied f'kaz ta' firda tal-genituri mizzewgin:-

"**Artikolu 54.**

- *omissis*

"*(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'kaz ta' firda, jigi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-mizzewgin, il-hila taghhom li jahdmu u l-bzonnijiet taghhom, u ghandhom jitqiesu wkoll ic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-mizzewgin u tal-ulied, inkluz dan li gej:*

"*(a) il-bzonnijiet tal-ulied, wara li jkunu tqiesu c-cirkostanzi kollha taghhom;*

"*(b) xi dizabilità, kif imfissra fl-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs ghal Persuni b'Dizabilità, kemm jekk hija fizika jew mentali;*

"*(c) cirkostanzi ta' mard li tant ikunu serji u gravi li jikkompromettu l-kapacità tal-mizzewgin jew ta' l-ulied li jmantnu lilhom infushom;*

- *omissis*

"*(e) kull qligh jew beneficcju li l-mizzewgin, jew min minnhom, jircievu skont il-ligi, minbarra kull ghajnuna socjali li mhix kontributorja li tkun qed tithallas lilhom taht l-Att dwar is-Sigurtà Socjali:*

"*Izda, għall-fini ta' dan il-paragrafu, għandha titqies il-pensjoni għad-diżabilità taħt l-artikolu 27 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali;*

"*(f) il-ħtiġiet għall-akkomodazzjoni tal-miżżewġin u tal-ulied;*

*- omissis -*

"*(4) Il-qorti fl-għoti tal-manteniment tista' tipprovdi wkoll għall-mod ta' kif dan jista' jawmenta minn żmien għal żmien.*

*- omissis -*

"*(7) Il-qorti tista' tordna, skont iċ-ċirkostanzi, li l-ħlas tas-somma globali msemmija fis-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu jsir f'għadd ta' skadenzi ndaqs jew mhux indaqs mifruxa fuq perijodu ta' żmien xieraq.*

"*(8) Il-qorti tista' wkoll tordna li, minflok dik is-somma globali, imsemmija fis-subartikolu (5), kollha jew parti minnha, il-parti li jkollha tħallasha tagħti lill-parti l-oħra proprjetà b'titolu ta' proprjetà jew użufrutt, jew għall-użu jew abitazzjoni.*

"*(9) Meta jkun hemm tibdil li jiġri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli għall-manteniment jew il-bżonnijiet tal-parti l-oħra, il-qorti tista', fuq it-talba ta' kull waħda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skont il-każ. Iżda, meta tkun tħallset somma globali jew tkun ingħatat proprjetà b'sodisfazzjon totali tal-obbligu ta' parti li tħallas manteniment lill-parti l-oħra, ir-responsabbiltà kollha tal-ewwel parti għall-manteniment tat-tieni parti tieqaf. Iżda meta s-somma globali tkun tħallset jew il-proprjetà tkun ingħatat bħala parti biss mill-imsemmi obbligu, il-qorti għandha, meta tordna l-ħlas tas-somma globali jew l-għoti tal-proprjetà, fl-istess ħin tistabbilixxi l-parti tal-manteniment li tkun hekk sodisfatta u kull tibdil li jiġri wara għandu f'dan il-każ ikun japplika biss għal dik il-parti li ma tkunx sodisfatta u fl-istess proporzjon għaliha*.

"**Konsiderazzjonijiet ta' Fatt**.

"Mill-atti jirrizultaw il-htigijiet tal-minuri. Ghalkemm il-minuri tattendi skola tal-Knisja li tipprovdi l-edukazzjoni b'xejn, ammont ta' spejjez ikollhom jithallsu mill-genituri kif fuq spjegat. L-attivitajiet extra-kurrikulari li ghalihom tattendi l-minuri ma jistghux jitqiesu xi lussu inkwantu huma mehtiega ghall-izvilupp tal-persuna specjalment meta ghandek minuri illi l-genituri taghha jghixu separatament, bl-ebda tort tal-minuri.

"Applikati l-provvedimenti legali fuq citati ghall-fatti tal-kaz in dizamina, jirrizulta illi sew l-attrici, qua omm il-minuri, kif ukoll il-konvenut, qua missier il-minuri, huma fid-dover it-tnejn li jmantnu lill-minuri. Dan mhux kontestat bejn il-partijiet. Il-kontestazzjoni tikkoncerna l-kwantum tal-manteniment li l-konvenut ghandu jhallas.

"Iz-zewg partijiet ghandhom impieg, l-attrici hija impjegata b'salarju nett ta' circa €1,200 fix-xahar, liema salarju gie korroborat permezz ta' dokumenti; filwaqt li l-konvenut huwa self-employed.

"Xoghol il-konvenut huwa li jiehu hsieb iz-zwiemel tal-klijenti u jghallimhom l-ubbidjenza lejn sidhom. Meta xhed fis-sena 2010 huwa kellu erba' zwiemel tieghu u hames zwiemel tal-klijenti. Skond il-konvenut kull klijent ihallas circa tlett mija u ghoxrin ewro (€320) fix-xahar talli l-konvenut johdilhom hsieb iz-ziemel rispettiv taghhom. Il-konvenut emfasizza[6] illi il-hay u l-gwiez ghal kull ziemel jiswa' circa bejn mija u hamsin ewro u mitejn ewro (€150 – €200) fix-xahar.

"Bl-ammont ta' zwiemel li kellu fis-sena 2010 il-konvenut qal li kellu qliegh ta' seba' mitt euro (€700) fix-xahar.

"Jekk skond l-istess konvenut kull ziemel jehtieg is-somma ta' bejn €150 u €200 fix-xahar biex jiekol, allura jsegwi li l-konvenut qed jonfoq fuq erba' zwiemel tieghu is-somma ta' bejn €600 u €800 fix-xahar mentri ghall-minuri jhallas biss is-somma ta' €140 fix-xahar. Meta l-Qorti ezaminat it-

[6] Seduta quddiem l-Assistenta Gudizzjarja tas-16 ta' Frar 2011 - fol. 159

testimonjanzi tal-konvenut osservat illi fl-ahjar ipotesi ghall-ghalih il-konvenut ghandu l-prioritajiet tieghu kompletament zbaljati, u fl-aghar ipotesi ghall-konvenut huwa kien ekonomiku mal-verita'. Skond il-konvenut l-erba' zwiemel tieghu ma qed jirrendulu l-ebda dhul ghaliex ma juzhom ghalxejn illum il-gurnata.

"**Fic-cirkostanzi finanzjarji li spjega l-istess konvenut, il-Qorti ma tarax logika fil-hsieb tal-konvenut li qed irabbi erba' zwiemel letteralment bhala *pets* ghas-somma ta' circa €700 fix-xahar, imbaghad isostni li ghal bintu ma jistax jaffordja aktar minn €140 fix-xahar. Ghall-Qorti dan ir-ragunament mhux accettabbli.**

"Il-htigijiet tal-minuri li llum ghandha tlettax-il sena jinkludu l-ikel u xorb, dawl u elettriku, spejjez relatati mal-iskola, spejjez relatati mal-attivitajiet extra-curriculari, spejjez relatati ma' xiri ta' hwejjeg u htigijiet personali ohra, spejjez relatati mas-sahha, u diversi spejjez ohra li jinqala' l-bzonn taghhom minn zmien ghal zmien. Arrangament fejn iz-zewg genituri jhallsu nofs ammonti li minn zmien ghal zmien jinqala' l-bzonn taghhom jahdmu f'kazijiet, f'ohrajn le. Fic-cirkostanzi prezenti fejn il-komunikazzjoni bejn il-partijiet hija prattikament inezistenti l-Qorti hija tal-fehma illi m'hemmx ic-cirkostanzi idonji li jippermettu komunikazzjoni kontinwa bejn il-partijiet sabiex jaqsmu bejnithom kull spiza individwali li ssir ghall-htigijiet tal-minuri. Somma globali mensili hija aktar idonea ghac-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Pero' fir-rigward tas-sahha tal-minuri jkun tajjeb li tinhareg polza ta' assikurazzjoni a spejjez taz-zewg partijiet sabiex kull htiega medika tkun koperta minn tali polza.

"Fir-risposta guramentata tieghu l-konvenut jghid li diga qed jghaddi manteniment adegwat ghall-minuri u li jghaddi hafna hin mal-minuri u b'hekk qieghed imantniha ghall-bzonnijiet taghha ta' kuljum. Jeccepixxi wkoll illi l-konvenut ihallas sehemu mill-ispejjez ta' edukazzjoni. Irrizulta pero' illi apparti li jhalls €140 fix-xahar u jigbor lill-minuri mill-iskola u jehodha l-post tax-xoghol tieghu, il-konvenut ma jikkontribwixxi ghal xejn aktar.

"Ghalhekk, tenut kont tal-htigijiet tal-minuri kif jirrizultaw mill-atti, tenut kont li sew l-attrici sew il-konvenut ghandhom dhul biex jikkontribwixxu ghall-manteniment tal-minuri b'mod adegwat, tqis li l-ammont mensili li l-konvenut ghandu jhallas bhala manteniment ghall-minuri huwa ta' tlett mitt ewro (€300) fix-xahar oltre nofs il-premium tal-assikurazzjoni medika.

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut fejn talab li din il-Qorti tirrevoka u tbiddel is-sentenza msemmija billi tilqa' l-aggravji taghhom allura l-eccezzjonijiet tieghu u tichad it-talbiet attrici;

Rat ir-risposta tal-appellata li permezz taghha fil-waqt li opponiet ghat-talbiet tal-appellant, talbet li s-sentenza tigi konfermata.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Dicembru 2014 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati trattaw l-appell;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

**L-AGGRAVJI TAL-APPELLANT**

L-aggravji tal-appellant huma erbgha: li l-appellata ghamlet talbiet esagerati matul il-kors tal-kawza u li huwa ma ghandux il-mezzi biex ihallas ghal dawk li

huwa jikkonsidra spejjez zejda; li ma ghandux mezzi biex ihallas izjed manteniment minn dak li kien originarjament miftiehem u li f'kull kaz l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti li huwa esagerat u jilmenta wkoll mill-fatt li huwa gie ordnat ihallas arretrati meta kienet l-attrici li damet tressaq il-provi matul il-kors tal-kawza.

Wiehed l-ewwelnett ghandu jifhem li f'ezercizzju bhal dak li taghmel Qorti meta tiffissa hlas ta' manteniment l-istess Qorti tkun qed taghmel apprezzament tal-fatti li jkollha quddiemha u mbaghad skont l-artikoli fuq imsemmija tal-Kodici Civili tasal ghall-konkluzjoni taghha dwar x'ghandu jkun l-ammont gust li jithallas. Ghandu jinghad allura, li ghal dak li huwa apprezzament tal-fatti, kif qalet din il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phylis Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti".* Biex din il-Qorti tbiddel is-sentenza tal-ewwel Qorti fuq dan ir-rigward iridu jirrizultaw lil din il-Qorti *ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubbju ragonevoli fuq il-gustizzja tal-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti* (**Paul Formosa v. Salvu Debono** – 5 ta' Ottubru 2001).

Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi; madankollu "*Din il-Qorti pero` f'kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-*

*konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja.* (**Attard et v. Direttur tas Sahha**, Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014).

Jekk wiehed jaghsar it-talbiet tal-appellant f'dan l-appell huwa qed jitlob li jitnaqqas l-ammont li ordnatlu jhallas l-ewwel Qorti bhala manteniment ghal bintu u li qed jilmenta mill-fatt li l-istess Qorti ordnat il-hlas kif mizjud b'effett minn meta giet intavolata l-kawza. L-abbli difensur tal-appellant fit-trattazzjoni tieghu iccita sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Catherine Mifsud v. Louis Mifsud** (deciza fil-25 ta' Ottubru 2013) fejn intqal li "*Il-manteniment ma huwiex xi dritt sagrosant ta' min jissepara izda jigi ordnat il-hlas tieghu meta **hemm il-bzonn** (L-Artikolu 20.1 tal-Kodici Civili jghid li l-manteniment ikun dovut skont **il-bzonn** ta' min qed jitolbu). Skont is-subincizi l-ohra tal-istess artikolu l-manteniment ghandu jigi iffissat skont il-mezzi ta' min huwa obligat jivversah u dawn il-mezzi jinkludu l-qliegh mill-attivita` tieghu u anke l-utili tal-beni tieghu.*

Naturalment din il-Qorti (illi incidentalment hija kostitwita bl-istess mod li kienet kostitwita dak in-nhar li nghatat dik is-sentenza) taqbel ma' dan li ntqal. Madankollu applikat ghall-kaz in ezami, ma tarax kif dan l-insenjament imur kontra s-sentenza appellata.

L-appellant infatti jsostni fl-aggravji tieghu illi c-cirkostanzi tal-partijiet ma nbidlux minn meta sar il-ftehim dwar il-manteniment fl-1999. Jista' jkun li c-cirkostanzi tal-partijiet ma nbidlux izda huwa donnu qed jinsa illi dan huwa manteniment li ghandu jithallas **ghall-minuri** u mhux ghall-appellata; fil-fatt ebda manteniment ma huwa dovut lill-appellata ghaliha stess ghaliex il-partijiet ma humiex mizzewgin – *izda c-cirkostanzi tal-minuri nbidlu zgur minn meta sar dak il-ftehim.* Dak iz-zmien kienet tarbija – issa hija tfajla ta' hmistax-il sena u allura l-bzonnijiet taghha huma certament akbar. Ghalhekk f'dan ir-rigward l-aggravju huwa respint. L-istess jinghad ghall-ilment tieghu li saru xi talbiet esagerati mill-attrici. Kull ma ghamlet kien li inkludiet certi spejjez illi llum il-gurnata wiehed jikkonsidrahom bhala normali. Ghalhekk l-appellata ghandha **l-bzonn** reali tal-ammont likwidat mill-Qorti tal-Familja fis-sentenza appellata biex trabbi lill-bint il-partijiet b'mod xieraq u l-istess ammont huwa fil-kuntest u c-cikorstanzi tal-kaz, wiehed gust.

Kwantu ghall-mezzi tal-appellant il-Qorti taqbel ukoll mal-apprezzament tal-ewwel Qorti illi mhux biss li l-ammont ta' €140 fix-xahar li l-appellant qed jitlob li jibqa' jhallas mhux sufficjenti ghall-htigijiet tal-minuri llum izda wkoll li l-istess appellant ghandu bizzejjed mezzi biex ihallas l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti u skans ta' ripetizzjoni taghmel riferenza ghas-sentenza appellata anke f'dan ir-rigward.

Din il-Qorti ma tifhimx ukoll ir-ragunament tal-appellant fir-rigward tal-arretrati. Il-fatt li l-appellata fi kliemu 'damet snin tressaq il-provi' huwa irrilevanti ghall-fatt li l-ewwel Qorti ordnat il-hlas ta' manteniment b'effett mid-data tal-prezentata tal-kawza; il-Qorti kellha kull fakolta` illi tordna l-hlas tal-manteniment kif awmentat minn dik id-data li dehrilha gust dejjem naturalment fl-ambitu tat-talba tal-appellata fir-rikors promotur. Dan japplika wkoll ghall-ordni tal-Qorti biex l-appellant ihallas nofs il-*premia* tal-assikurazzjoni ghall-minuri – assikurazzjoni li zgur hija fl-ahjar interess tal-minuri.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tichdu ghal kollox, u tikkonferma interament is-sentenza appellata kompriz il-kap tal-ispejjez.

L-ispejjez tal-appell ukoll a kariku tal-appellant.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------